MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2013

Numru. 3/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Agius]**

**vs**

**Jonathan Micallef Griffin**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Micallef Griffin detentur tal-karta tal-identita` numru 25387(M).

Akkuzat talli:
fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru, 2012 u l-1 ta' Jannar, 2013 ghal habta ta' bejn 21.30hrs u 23.00 hrs fi Triq Dun Guzepp Vella Qormi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi waqt li kien qed isuq il-vettura Seat Cordoba ta' kulur ahmar, bin-numru tar-registrazzjoni JBM838, volontarjament baqa diehel go vettura tat-tip Toyota Corsa bin-numru tar-registrazzjoni MEL021 u billi permezz ta' turnavit kisser il-hgieg tal-istess vettura

ghamel hsara ta' 'il fuq minn €400, ghad-dannu ta' Cynthia Meli minn Hal Qormi;

fl-istess data, hin, u cirkostanzi fi pjazza San Frangisk Hal Qormi, ingurja jew hedded permezz ta' turnavit u beda jordna sabiex johrog mill-vettura tas-servizz lil PC 1316 Peter Agius, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien ghamel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

fl-istess jum, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;

fl-istess jum, lok u f'aktar minn cirkustanza wahda hedded lil Cynthia Meli u lil Mandy Grech minn Hal Qormi permezz ta' turnavit u zammhom arrestati fil-vettura tal-istess Cynthia Meli, kontra l-volonta' taghhom;

fl-istess jum, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer saq vettura tat-tip Seat Cordoba bin-numru tar-registrazzjoni JBM838 registrata fuq John Micallef, b'manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (a) (2), tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

fl-istess jum, hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'dagha, ghajjat u glied. Sec 338(dd) u Sec 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati b'sentenzi moghtija nhar is-6/12/2007 mill-Magistrat Dr. S. Demicoli u nhar it-12/04/2010 mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima u li gew definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 a favur ta' Cynthia Meli u Pc 1316 Peter Agius u li l-istess Jonathan Micallef Griffin jigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan.

Rat id-dokumenti prezentati;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325, 96, 87, 86, 338(m) (dd) (ee), 339(b), 49 u 50 tal-Kap 9 u Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kap 65 qed issib lill-imputat Jonathan Micallef Griffin hati tal-akkuzi kollha u minflok tinfliggi piena, qed tpoggih taht probation order taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u dan ghal zmien tlet (3) snin kif ukoll qed timponi ordni that l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 hawn anness u li jifforma parti minn din is-sentenza.

Il-Qorti qieghda wkoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan taht l-Artikolu 15(1) (a) (2) tal-Kap 65 u dan ghal zmien xahar (1) dekorribli minn nofs il-lejl ta' ghada.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------